# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 14 ta' Novembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Brian Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Brian Zammit ta' 42 sena bin Carmelo u Constance nee' Pawley imwieled Floriana fit-28 ta' Novembru 1965 u joqghod 216, Triq il-Parilja, Santa Venera, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 544365(M);

Akkuzat talli:

1. F'Novembru 2007, f'dawn il-Gzejjer, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat. u cioe' apparat li kien qed jintuza in konnessjoni max-xandir ta' *Radju Vilhena* li ghandu valur ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u

sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment tas-*Socjeta' Filarmonika Vilhena,* ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu, jew esegwixxa obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor, ai termini ta' l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta' Marzu 2009, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) l-artikoli 293, 294, 85, 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Fis-seduta intiza ghas-sottomissjonijiet orali, il-Prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghall-provi u l-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Ghal habta ta' Settembru tas-sena 2000, il-Kumitat tas-Socjeta Filarmonika Vilhena tal-Furjana iddecidiet li tniedi stazzjon tar-radju fil-komunita, u li kellu jopera minn wiehed mis-sulari tal-kazin tas-Socjeta stess.

2. Ghall-fini ta' gestjoni tal-istess Radju, il-Kumitat kien hatar sottokumitat li tieghu l-imputat kien ic-Chairman. L-imputat huwa kummercjant u jimporta diversi affarijiet, fosthom hi-fi equipment.

3. Il-President tal-Kumitat ta' dak iz-zmien, Dottor Joseph Zammit McKeon, kien applika f'isem Vilhena Band Club ghal licenzja ma' l-Awtorita tax-Xandir, liema licenzja inghatat fit-30 ta' Novembru 2001.

4. Biex jingabru l-fondi ghal dan il-progett, is-sottokumitat beda jitratta ma' numru ta' entitajiet biex forsi jghinuhom finanzjarjament, u fost dawn kien hemm il-Kunsill Lokali tal-Furjana. Is-Socjeta fethet kont bankarju separat ghal dan ir-Radju mal-APS Bank.

5. Inxtara l-apparat tekniku necessarju, inkluz transmitter. Ix-xiri u l-importazzjoni ta' dan it-transmitter, kif ukoll tal-appart tekniku l-iehor ha hsiebu l-imputat.

6. Ir-radju beda jopera mit-3 ta' Dicembru 2001, bl-isem "Radju Vilhena", skond il-licenzja li nhargitlu mill-Awtorita tax-Xandir.

7. Sal-ahhar rendikont li ta l-imputat lill-Kumitat tas-Socjeta kwerelanti fit-2 ta' Dicembru 2002, ir-radju dejjem kien jahdem b'telf, u d-differenza kien jaghmel tajjeb ghalija l-imputat.

8. Mill-minuti ezebiti jidher li bejn l-2003 u l-2006, il-Kumitat tas-Socjeta ma hax wisq interess f'dan ir-radju, ghalkemm gieli issemma waqt il-laqghat. Pero r-radju baqa' jopera mill-fond tas-Socjeta.

9. Fis-16 ta' Ottubru 2003, l-Awtorita tax-Xandir geddedt il-licenzja f'isem l-imputat ghan-nom ta' Vilhena Band Club b'effett mit-3 ta' Dicembru 2003.

10. Din il-licenzja giet imgedda f'isem l-imputat personalment, fuq talba tieghu stess, b'effett mit-3 ta' Dicembru 2005.

11. Fl-2005, il-Kumitat tas-Socjeta rega' beda jiehu interess x'qed jigri u beda jsus wara l-imputat biex jaghtih l-informazzjoni, u nqala' dizgwid bejniethom.

12. Fl-2007, il-Kumitat skopra li l-licenzja tar-radju ma kienitx ghadha f'isem is-Socjeta, izda f'isem l-imputat personalment. Il-Kumitat kiteb lill-Awtorita tax-Xandir fejn sostna li dan it-tibdil sar ghad insaputa tal-istess Kumitat, u konsegwentement talab lill-Awtorita ma ggeddidx il-licenzja tal-imputat, u terga' tirregistra l-licenzja f'isem is-Socjeta.

13. Fit-2 ta' Novembru 2007, l-Awtorita tax-Xandir kitbet lill-imputat u infurmatu li b'effett mit-3 ta' Dicembru 2007, l-Awtorita kienet ser iggedded il-licenzja ta' Radju Vilhena lis-Socjeta Filarmonika Vilhena, li kienet se tkompli titrasmetti fuq l-istess frekwenza. Inoltre, l-Awtorita infrumatu li l-licenzja tieghu se tigi fi tmiemha f'dik il-gurnata.

14. Fis-6 ta' Novembru 2007, l-imputat mar ma' xi persuni ohra fil-kazin tas-Socjeta, u nehha l-apparat tekniku biex jigi trasmess ir-radju, cioe it-transmitter, keyboard, C.P.U., monitor, u zewg DVD players.

15. Is-Socjeta Filarmonika Vilhena ghamlet kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu passi kriminali kontra l-imputat ghax dawn l-oggetti huma propjeta taghha u ttiehdu minghajr il-kunsens u bil-mohbi taghha.

16. Is-Socjeta issostni li l-akkwist tat-transmitter u tal-affarijiet teknici l-ohra biex jopera r-radju sar minnha tramite is-sotto-kumitat minn fondi taghha u donazzjonijiet li receviet minghand terzi. Ghalkemm m'hemmx kontestazzjoni li l-imputat huwa l-persuna li importa t-transmitter, hija tikkontendi li dan ma sarx minnu fil-kwalita personali tieghu, izda fl-interess tas-Socjeta, ghaliex it-transmitter qatt ma kien tieghu.

17. Min-naha l-ohra l-imputat isostni li kien hu li dahhal f'Malta it-transmitter in kwistjoni, u li hu propjeta tieghu, u li ai termini tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tieghu, anke li kieku irid, dan it-trasnmitter ma jistax jigi minnu trasferit lil hadd.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

L-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti l-assistenza legali qabel l-interrogatorju. Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-imputat qal hekk *"Dwar l-istqarrija m'ghandi l-ebda lment xi nressaq u jekk il-Qorti trid tisfilzaha, tista tisfilzaha, fid-dawl tal-gurisprudenza li ghandna, pero xorta wahda hemm id-deposizzjoni guramentata tal-imputat."*

Minkejja li d-difiza ma nsistiex li l-istqarrija tigi sfilzata, il-Qorti thoss li in vista tal-fatt li meta ittiehdet din l-istqarrija l-imputat ma kellux access ghal avukat qabel l-interrogatorju, fil-konsiderazzjonijiet taghha hija sejra tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li xehed l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi dwar dak li qallu l-imputat waqt l-interrogatorju, u dan konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza ft-12 ta' Jannar 2016.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Approprjazzjoni Indebita Aggravata*

IL-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ,*

*amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-awtur **Luigi Maino**[1] jghid hekk:
*"**2649.** Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*
*Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato –*
*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendola in uso proprio –*
*Che cioe abbia fatto con dolo"*[2]

Ghalhekk, l-ewwel element ta' dan ir-reat hu li l-haga li tkun giet approprjata tkun giet konsenjata jew fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu specifikat.

Fir-rigward ta' dan l-ewwel element, **Maino** jghid hekk:[3]
*"Vera restituzione ed uso determinate implicano necessariamente la non assoluta disponibilita per parte del consegnatario. Infatti e principio costante in dottrina e giurisprudenza che il titolo di appropriazione indebita puo sorgere solo quando la consegna sia avvenuta per titolo non traslativo di proprieta. E per verita, se il titolo della consegna fosse traslativo di domino, la disposizione e la appropriazione della cosa consegnata essendo necesario conseguenza legale ed esecuzione del contratto, non potrebbero mai costituirne violazione.*

*Percio la appropriazione indebita potra aver luogo per oggetti consegnati o ricevuti a titolo di mandato, deposito, locazione di cose o di opera, comodato. ... ..."*

Issa il-kwistjoni kardinali fil-kawza odjerna hija min hu l-proprjetarju tat-transmitter u l-apparat l-iehor elettroniku mehud mill-imputat mill-fond tas-Socjeta kwerelanti.

---

[1] Ara **Commento al Codice Penale Parte II**, Verona 1894.
[2] *Op.cit.* fol. 347.
[3] *Op. cit.* fol. 348-349.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-minuti tas-socjeta kwerelanti[4] huma ta' massima importanza ghar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern. Il-kontenut ta' dawn il-minuti ma giex kontestat mill-imputat.

L-aktar minuti rilevanti huma s-segwenti:

Fil-laqgha tat-12 ta' Ottubru 2000 jinghad hekk:
*"L-applikazzjoni tar-Radju lesta minn kollox u lesta biex tintbaghat u din l-applikazzjoni se tkun supportjata mill-ittra tal-Kunsill Lokali Floriana.*

*Dr. J.Z. Mckeon* (sic) *qal li qabel ma huwa jiffirma din l-applikazzjoni u tintbaghat ried li:*

1. *Kif se naghmlu ghal fundraising biex dan ir-radio jimxi il-quddiem*
2. *Naghmlu lis-Skeda ta' Programmi tar-Radio"*

Fil-laqgha tas-26 ta' Ottubru 2000, is-Socjeta kwerelanti appuntat il-membri tas-sottokumitat tar-Radio Vilhena, u bhala Chairman gie appuntat l-imputat.

Fil-laqgha tat-2 ta' Novembru 2000, il-Kumitat gie infurmat li r-Radio Vilhena ghandu bilanc ta' LM23 fil-kont li ghandu ma' APS Bank.

Fil-laqgha tas-7 t'Awwissu 2001, il-Kumitat gie infurmat li r-Radju Vilhena ser jopera bi prova lejn l-ahhar ta' Awwissu 2001.

Fil-laqgha tad-29 ta' Novembru 2001, il-minuti jghidu hekk:
*"Il-Kumitat stieden lil Brian Zammit biex jaghti spjegazzjoni fuq* (sic). *Hawnhekk ser nikkwota lil Brian Zammit.*
*Ir-Radju Vilhena beda bla ma ssellef xejn mill-fondi tal-Kazin Vilhena. Dan kien ftehim mal-Kumitat tar-Radju u l-Kazin Vilhena.*
*L-unika bniedem li r-Radio Vilhena ssellef flus minghandu kien l-istess Brian Zammit.*
*Brian Zammit huwa c-Chairman ta' dan ir-Radju u ghalhekk qal ukoll li l-flus li hareg mhux marbut bi zmien biex jehodhom. Hu fuq kollox qal li minn dawn il-flus, hu mhux qed jitlob l-ebda imghax.*

[4] Esebiti a fol. 39 tal-process.

*Qal ukoll li s-sitwazzjoni minn Jannar sa Settembru:*

| *Dhul* | *Hrug* | *Zbilanc* |
|---|---|---|
| *2,690* | *3,795* | *1,105* |

*Ic-Chairman tar-Radju Vilhena qal li ser jinxtara computer biex jintuza bhala access ghall-Internet."*

Fil-laqgha tat-18 ta' Novembru 2002, wara li l-imputat ta' spjegazzjoni dwar proceduri li ttiehdu kontra r-Radio Vilhena mill-Awtorita tax-Xandir, hemm imnizzel hekk:

*"Is-Sur Joe Brincat saqsa lil Brian Zammit fuq l-affarijiet tar-Radio. Brian Zammit wiegeb li jekk hu jispicca mill-Kazin bhala Chairman ma jiehu xejn mir-Radio, inkluz l-affarijiet tieghu personali u l-affarijiet li xtara hu."*

Fil-laqgha tat-2 ta' Dicembru 2002, insibu hekk:

*"Brian Zammit qal li l-flus li jidhlu ghar-Radio dawn huma proprjeta tal-Kaziin.*

*Brian Zammit qal wkoll li jekk jispicca minn Chairman tar-Radio u jkun hemm id-dejn, dan jithallas minnu personali. Jekk ikun hemm bilanc ta' flus dawn jibqghu ghas-Socjeta. ... ...*

Imbaghad l-Kumitat inghata rendikont tal-finanzi tar-Radju, mis-sena 2000, minn fejn irrizulta li sa Mejju –Lulju 2002 kien hemm zbilanc ta' Lm1937.11. Il-minuti ikomplu jghidu hekk:

*"Dawn il-flus harighom Brian Zammit, pero dawn jithallsu lura jekk ikun hemm bilanc.*

*Inxtara mixer li l-ircevuta tieghu qieghda ghand Brian."*

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2005 kien prezenti ghal laqgha l-imputat u gie diskuss artikolu ippublikat f'gurnal minn Nigel Holland. Ma jirrizultax mill-minuti x'kien ezattament il-kontenut ta' dan l-artikolu. Pero, l-imputat insista mal-Kumitat li jittiehdu passi konkreti fuq dan l-artikolu, u kompla jinghad li *"Fil-fatt jekk dawn il-passi konkreti ma jaslux, Brian Zammit hedded lill-istess Kumitat li jigu kollha mharrka."*

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2006 rega' gie diskuss l-istat finanzjarju tar-Radju Vilhena, u ntqal hekk:

*"Bhala kaxxier Mark Ciantar staqsa lil Marvic Sultana kif jista jkun li f'dawn l-ahhar erba' snin fl-accounts li Radju Vilhena ghandu ma' l-APS Bank, il-bilanc qatt ma qabez is-somma ta' Lm2.*

*Marvic Sultana spjega li meta kien irtira mill-kumitat Arthur Curmi kien ghadda d-dokumenti kollha lil Brian Zammit. Kull meta Brian Zammit gie mistoqsi kif qed jitmexxew il-finanzi tar-radju, dejjem qalilna fuq diversi okkazjonijiet li s-socjeta m'ghandhiex ghalfejn tinkwieta fuq dawn l-affarijiet, ghax qed jiehu hsiebhom hu. Li qieghed jinkwieta lil Kumitat hi l-flus li qeghdin jidhlu matul is-sena (fosthom mir-riklami, donazzjonijiet u fund raising), il-flus fejn qieghdin imorru?*
*Wara diskussjoni twila inhass il-bzonn li jissejjah Brian Zammit iktar il-quddiem, quddiem il-kumitat ezekuttiv, biex jaghti spjegazzjoni fuq is-sitwazzjoni."*

Ghal-laqgha tas-27 ta' Novembru 2006, gie mistieden jattendi l-imputat, u ntalab jispjega ghaliex skond l-ahhar statement tal-bank tal-31 ta' Dicembru 2005, ir-Radju ghandu Lm1.57. Il-minuti jghidu hekk:
*"1. Id-dejn kollu li hemm fuq ir-radju huwa responsabbi minnu hu personalment.*
*2. Il-kumitat jew kummissjoni li tmexxi r-radju hija iffirmata mid-DJ's tar-radju.*
*3. l-attivitajiet li jsiru, jsiru bhala fund raising ghar-radju stess.*
*4. kontroll fuq dhul u hrug finanzjarju tar-radju m'ghandux. Dawn jiehdu hsiebhom id-DJs.*
*5. Il-permess jghajjat lil Brian Zammit.*

*Is-Segretarju staqsa kif il-permess fuq isem Brian Zammit imma mhux fuq xi hadd tal-Kumitat. Brian spjega u qal hekk "Il-permess kien fuq il-President ta' dak iz-zmien Dr. Zammit McKeon, imma darba fost l-ohrajn ircieva citazzjoni fuq xi xandir u talab lil Brian Zammit jidhol responsabbli hu. Ghalhekk Dr. Mckeon qaleb il-permess fuq Brian Zammit."*

*Hawnhekk spjega li r-radju mhux profitabbli, u kull meta r-radju jinqalulu xi haga Brain Zammit jerfa' l-piz finanzjarju ta' l-oggett bhal per ezempju hsarat u xiri ta' apparat gdid.*

*Is-Sur Carmelo Flavia staqsa lil Brian Zammit li jekk hux veru li r-radju ghandu l-intenzjoni li jopera minn post iehor, imma mhux mill-bini tas-Socjeta. Ghal din il-mistoqsija, Brian Zammit wiegeb hekk: "sakemm il-kumitat tas-Socjeta ma jkollux konflitti la mieghu u lanqas mar-radju jew jindahal, ir-radju jibqa' jopera mill-kazin, jekk ma jkunx hekk, ghada hadd ma rah, u jekk ikun hemm bzonn ir-radju jiccaqlaq minn hawn."*

Fid-dawl ta' dawn il-minuti, li kif diga inghad ma gew bl-ebda mod kontestati mill-imputat, il-Qorti se tanalizza l-provi migjuba mill-partijiet.

Dottor Joseph Zammit McKeon li kien President tas-Socjeta kwerelanti ghal diversi snin, in partikolari bejn Settembru 2000 u Ottubru 2001, xehed illi meta tnieda l-progett tar-radju, wahda mill-kundizzjonjiet kienet li l-kumitat ikollu kontroll fuq li qed jigri, u li jkun hemm anke fund raising awtonomu min-naha tas-sottokumitat tar-radju li gie mahtur, biex ir-radju ma jkunx ta' piz fuq il-ftit fondi li kellu l-kazin. Hu iffirma l-applikazzjoni mal-Awtorita tax-Xandir f'isem il-Vilhena Band Club. Sabiex jghinhom il-Kunsill Lokali tal-Floriana xtara l-air time ghal xi zmien. Hu jghid li spicca minn President f'Ottubru 2001, *"jien hallejt radio fil-kazin, radio tal-kazin, gestit min nies inkarigati mill-kazin u b'apparat li beda jiffunzjona tal-kazin ukoll."*

Nigel Holland, li kien Sindku tal-Floriana bejn 1998 u 2004, ezebixxa ittra datata 21 ta' Mejju 2001,[5] minghand l-imputat bhala Chairman tar-Radio Vilhena fejn talab lill-Kunsill Lokali jixtri transmitter f'isem il-Kunsill stess, liema transmitter kien jiswa LM900. Holland xehed li din l-ittra kienet preceduta minn diskussjonijiet bejnu u bejn l-imputat biex jinxtara dan it-transmitter. Holland xehed li peress li l-ligi ma tawtorizzax lill-kunsilli lokali jaghtu donazzjonijiet ta' dawn l-ammont, pero fl-istess hin il-Kunsill xtaq isib mod kif iwassal lehnu fid-djar tan-nies, il-Kunsill iddecieda li jixtri air time ghal dak l-ammont ta' flus mir-Radio Vilhena, sabiex ikunu jistghu jaghmlu programmi li ghandhom x'jaqsmu mal-Kunsill Lokali. Il-hlas kellu jkun ta' LM125 fix-xahar ghal perjodu indefinit sakemm tintahaq dik is-somma. Holland ezebixxa estratt tal-minuti relattivi tal-Kunsill.[6]

Ix-xhieda ta' Holland hija korroborata bix-xhieda ta' Edward Torpiano li fiz-zmien rilevanti kien ukoll kunsillier tal-Floriana.

Marvic Sultana li kien membru kemm tal-Kumitat tas-Socjeta kwerelanti kif ukoll tas-sottokumitat tar-Radio Vilhena xehed illi l-apparat ghar-radju, inkluz it-transmitter, inxtara bil-flus tal-airtime li xtara l-Kunsill Lokali u donazzjonijiet li ngabru. L-apparat kien jixtrieh l-imputat, u mbaghad jaghti rendikont lill-kumitat u lill-kaxxier ta' dak iz-zmien. Huwa xehed li l-imputat kien qalilhom li kien se johrog ammont ta' flus hu, mbaghad jithallas mid-donazzjonijiet li kienu se jingabru.

---

[5] Ara fol. 48 tal-process.
[6] Ara fol. 51 tal-process.

Ix-xhieda ta' Marvic Sultana hija korroborata b'dik ta' Pierre Micallef li ukoll kien membru kemm tal-Kumitat tas-Socjeta kwerelanti kif ukoll tas-sottokumitat tar-Radio Vilhena.

Huwa car li x-xhieda ta' dawn il-persuni tattalja perfettament ma' dak li kien jghid l-imputat lill-Kumitat tas-Socjeta kwerelanti fil-laqghat bejn l-2001 u l-2002. Huwa car li l-ftehim kien li r-radju kien tas-Socjeta Kwerelanti, u s-sottokumitat tar-radju kellu jirrispondi lil Kumitat tas-Socjeta kwerelanti. Ma hemmx l-icken dubbju li l-imputat kien mandatarju tas-Socjeta kwerelanti, u ghalkemm huwa minnu li jidher li hu ha inizjattiva kbira sabiex jigi varat dan il-progett tar-radju, skond ir-relazzjoni legali bejn il-partijiet, ix-xoghol kollu li ghamel, kien intiz u kellu jkun fl-interess tas-Socjeta Kwerelanti, li kellha l-licenzja sabiex topera l-istess Radju, u mhux fl-interess personali tieghu.

Rigward finanzjament tar-radju, ir-radju kellu jiffinanzja lilu innifsu. Fejn il-finanzi li jidhlu ma jwasslux, l-imputat volontarjament hareg il-flus minn butu, bl-intiza li jehodhom lura minn dhul li jidhol wara. Fil-fatt huwa stess qal lill-Kumitat li dan kien self bla imghax. F'laqgha sussegwentement, huwa sahansitra qal lil kumitat li jekk jispicca minn Chairman hu, id-dejn li kien hemm kien se jaghmel tajjeb ghalih hu personalment, u ma kien se jiehu xejn mir-radju, la l-affarijiet personali tieghu u lanqas l-affarijiet li xtara hu.

Dawn id-dikjarazzjonijiet tal-imputat juri bic-car li hu kien jaf li dak kollu li kien qed jixtri, anke jekk kien qed jixtrieh bi flusu stess, kien qed jixtrieh ghan-nom u fl-interess tas-Socjeta. Fil-fatt, huwa kien biss qed jippretendi biss li jigi rimborsat bil-mod il-flus li nefaq minghajr imghax, u sahansitra iddikjara li jekk jispicca minn Chairman lanqas dawn il-flus ma ried, u kien se jhallas id-dejn kollu pendenti, u l-oggetti kollha li xtara jibqghu tar-Radju.

Fl-eventwalita li l-imputat jispicca minn Chairman, ir-relazzjoni legali bejnu u bejn il-Kumitat tar-Radju rigwardanti dawn il-flus ma kinietx tibqa' wahda ta' self, izda issir wahda ta' donazzjoni.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jargumenta li dan id-diskors li qal l-imputat lill-Kumitat tas-Socjeta kwerelanti ma kienx jorbtu legalment. Din il-Qorti ma tista' qatt taqbel ma' din is-sottomissjoni. Skond l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom, u dawn il-kuntratti ma

jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Manueli Catania** deciza fit-12 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] irriteniet li anki jekk matul is-snin l-appellant kien ivversa hafna flus tieghu personali fil-kontijiet bankarji tas-Socjeta' tal-MUSEUM, dan jigi li kien ghamlu b'donazzjoni, u dawn ikunu saru proprjeta' tas-Socjeta' u ma jistax imbaghad iqishom mill-gdid bhala tieghu u jiddisponi minnhom kif ifettillu ghax kienu jaqghu taht id-dominju tieghu bhala Ekonomu tas-Socjeta'.

Ghalkemm m'hemmx dubbju li kien l-imputat li nnegozja ma' socjeta estera biex jinxtara it-transmitter in kwistjoni, u effettivament impurtah go Malta, il-ftehim mas-Socjeta kweranti kien li huwa jaghmel dan biss f'isem u ghan-nom taghha, u bhala mandatarju taghha. Fil-fatt kien hu stess li qabel ghamel l-ordni kien qieghed fil-kapacita tieghu ta' Chairman tas-sotto-kumitat tar-radju qed jara minn fejn jigbor il-fondi biex jiffinanzja ix-xiri ta' dan it-transmitter, u staqsa lill-Kunsill Lokali tal-Floriana biex jghinu lir-Radju Vilhena, kif fil-fatt ghamel. Effettivament il-prezz ta' dan it-transmitter kien se jigi kopert, mill-flus li l-Kunsill kien se jaghti lil Radio Vilhena ghal air time li xtara. Huwa vera li dawn il-flus li ddahhlu mill-*airtime* setghu ukoll intefqu biex ikopru spejjez ohra tar-Radju, pero certament mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li dawk il-flus kienu intizi biex ikopru l-ispejjez tal-prezz tat-transmitter.

Fl-applikazzjoni tal-imputat datata 19 ta' Lulju 2001 ghat-trasferiment ta' flus lill-bank tas-socjeta estera DB Elettronica Telecommunicazione Spa datata 19 ta' Lulju 2001 ghal hlas ta' LM941.18, rapprezentanti, il-prezz tat-transmitter tghid li ir-*remitter* huwa *"Mr. Brian Zammit obo Vilhena Radio"*. Din l-applikazzjoni giet mimlija mill-imputat stess u iffirmata minnu.[8] Dan ovvjament ghamlu biex hu jkun jista' eventwalment jigi rifuz dawn il-flus mill-fondi ta' Radio Vilhena.

Il-fatt li l-imputat ghazel li jhallas il-prezz ghal dan it-transmitter mill-kont bankarju personali tieghu tal-HSBC minflok ittrasferixxa l-flus necessarji biex ikopru dan l-ammont fil-kont bankarju tar-Radju Vilhena fl-APS Bank, u ittrasferixxa l-flus lill-bank ta' din is-socjeta

[7] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono
[8] Ara fol. 176 tal-process.

estera mill-kont tal-APS Bank, kienet decizjoni gratwita tieghu, bl-ebda mod ma tinfluwixxi fuq il-fatt li huwa hallas ghal dan it-transmitter u installah fil-Kazin bhala mandatarju tas-Socjeta kwerelanti.

Huwa sinifikanti li meta l-avukat difensur tal-imputat – mhux dak li ippatrocinah f'dawn il-proceduri – kiteb lic-Chairman tal-Awtorita tax-Xandir, ghax l-Awtorita kienet iddecidiet li ggedded il-licenzja fuq is-Socjeta kwerelanti, huwa ma qalx li t-transmitter huwa proprjeta tal-imputat imma li *"(L)-imputat huwa il-persuna li dahlet f'Malta it-transmitter li minnu jitrasmetti l-imsemmi radju"*[9].

It-tieni argument tad-difiza huwa li ai termini tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tat-transmitter, l-imputat ma jistax jitrasferixxi t-transmitter. Pero dan l-argument huwa legalment totalment infondat. Kien l-imputat li abbuzivament irregistra t-transmitter mal-Malta Communications Authority f'ismu personali, u mhux bhala mandatarju tas-Socjeta kwerelanti – u mill-provi ma jirrizultax li hu ha xi permess mis-Socjeta kwerelanti biex jaghmel dan. Ghaldaqstant, huwa ma jistghax issa jinvoka dan l-abbuz tieghu, sabiex jakkaparra drittijiet li qatt ma kellu. Mid-dokument ezebit mill-imputat stess jirrizulta li l-kondizzjoni li qed jinvoka l-imputat tghid testwalment hekk:

*"7.3 This Licence does not authorise the Licensee to transfer the ownership, authorise the use or dispose of the Radiocommunications Apparatus, or any part thereof, in any way whatsoever, without the prior express consent in writing by the Authority,*

*Provided that a change, in anyway whatsoever, in the ownership of shares with voting rights of the Licensee shall be considered to be an assigned or transfer of the Radiocommunications Apparatus."*.[10]

Il-proviso ta' din il-kundizzjoni juri kjarament li t-transmitter seta' jigi registrat fuq assocjazzjoni ta' persuni – haga li kif inghad, l-imputat abuzament ma ghamilx. L-imputat ma jistghax issa japprofitta minn dan l-abbuz tieghu, biex jivvanta drittijiet ta' proprjeta fuq it-transmitter, li qatt ma kellu fl-ewwel lok.

Lanqas ma jista' l-imputat jargumenta li t-transmitter huwa proprjeta tieghu ghax importah go Malta hu, u ma giex konsenjat lilu mis-Socjeta kwerelanti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs John**

---

[9] Ara fol. 177 tal-process.
[10] Ara fol. 256 tal-process.

**Bamber** deciza fit-8 ta' Gunju 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[11] cahdet argument simili, u rriteniet hekk:

*"Il-Qorti hawnhekk tghamel riferenza ghal dak li jghid Vincenzo Manzini fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Penale Italiano ", Quinta Edizione, Volume Nono, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju. Skond il-Manzini, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci testwalment x'jghid dan l-awtur:*

*"Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quell che ricevette. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."*

Ghalhekk l-ewwel rekwizit tar-reat ta' misapproprazzjoni huwa sodisfatt, hlief ghaz-zewg DVD players, li mill-provi jirrizulta li jappartjenu lil John Bond, wiehed mid-DJ's li kien jahdem mar-Radju Vilhena u li kien ihallihom fil-Kazin sabiex jigu uzati wkoll minn prezentaturi ohra. Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi relazzjoni bejn is-Socjeta kwerelanti u John Bond, u meta l-imputat iddecieda li jieqaf jopera mill-Kazin, Bond iddecieda li jieqaf ukoll u jiehu iz-zewg DVD players lura mieghu.[12]

It-tieni rekwizit tar-reat ta' misapproprazzjoni gie wkoll ippruvat, u cioe li l-imputat approprja ruhu mill-oggetti ghall-uzu tieghu. Mhux kontestat li l-imputat mar il-Kazin u ha t-transmitter kif ukoll il-computer in kwistjoni u hadhom ghandu. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[13] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Mary Bajada**, deciza fl-1 ta' Marzu 1952:

*"Id-delitt tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun ippruvat, meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibbli mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga."*

---

[11] *Per* Imhallef Patrick Vella.
[12] Ara fol. 214 tal-process *et seq.*
[13] *Per* Imhallef A.J. Montanaro Gauci.

Ghar-ragunijiet fuq esposti, jirrizulta ampjament li l-imputat ma kienx sid it-transmitter u l-computer, imma kien qed juzahom biss bhala mandatarju tas-Socjeta kwerelanti, li kienet il-proprjetarja taghhom. Konsegwentement, huma ma kellu l-ebda dritt jaqbad u johodhom, minghajr ma jitlob il-permess tas-Socjeta kwerelanti.

Pero jibqa' it-tielet rekwizit ghal dan ir-reat, u cioe li l-imputat ma hax dawn l-oggetti *"con dolo"* u cioe irid jigi ippruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jappropja ruhu billi juza dawk l-oggetti bi profit ghalih jew ghal xi persuna ohra. Kif jispjega **Maino**:[14]

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta, a scopo d'indebito profitto per se o per un terzo, il dolo sara costituito dalla volontarieta della conversion con scienza della sua illegittimita, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione di un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale."*

Mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ha dawn l-oggetti meta kien ben konsapevoli li dawn ma kienux jappartjenu lilu. Kif gia gie fuq spjegat l-imputat kien jaf li bhala Chairman tas-sottokumitat tar-Radju Vilhena, hu kellu jagixxi dejjem f'isem u ghan-nom tas-Socjeta kwerelanti, u li kien mandatarju taghha. Fil-fatt jirrizulta mill-provi li sal-ahhar tal-2002, din kienet il-pozizzjoni tieghu, kif jixhdu il-minuti tal-Kumitat fuq citati.

Pero jirrizulta li mill-2003 il-quddiem, l-imputat beda jahdem bil-mod biex ir-Radju Vilhena jaghmlu tieghu. L-ewwel beda billi meta l-licenzja tal-Awtorita tax-Xandir waslet biex tiggedded, geddidha fuq ismu pero f'isem l-Vilhena Band Club. Hu xehed li kellem lill-President ta' dak iz-zmien, Frans Bonnett, li ma riedx il-licenzja fuq ismu. Skond l-imputat lanqas il-membri l-ohra tal-Kumitat ma riedha fuq ismu, ghalkemm ma jghidx li espressament li kellimhom. Issa skond il-minuti tal-laqgha tas-6 ta' Novembru 2006, meta l-imputat gie mistoqsi ghalfejn il-licenzja inqalbet fuq ismu u mhux fuq isem xi membru tal-Kumitat, l-imputat wiegeb li *"Il-permess kien fuq il-President ta' dak iz-zmien Dr. Zammit McKeon, imma darba fost l-ohrajn ircieva citazzjoni fuq xi xandir u talab lil Brian Zammit*

[14] Ara *op. cit.* a fol. 351 tal-process.

*jidhol responsabbli hu. Ghalhekk Dr. Mckeon qaleb il-permess fuq Brian Zammit.”* Apparti li din il-versjoni tikkozza ma dak li l-imputat xehed f’dawn il-proceduri, din l-allegazzjoni ma tirrizulta mkien mill-provi. Dottor Zammit Mckeon ma jsemmi xejn dwar dan l-allegat fatt, u dan lanqas jirrizulta mir-recordsipprezentati mill-Awtorita tax-Xandir, minn fejn jirrizulta li l-licenzja skadiet ghax din hi valida ghal sentejn, u giet imgedda mill-imputat.

Meta l-licenzja reghet waslet biex tiggedded fl-2005, l-imputat mar pass oltre u geddidha fuq ismu personalment.

Ghalkemm ir-Radju Vilhena kellu kont bankarju mal-APS, u l-imputat kien ic-Chairman tas-sotto-kumitat, dan il-kont bankarju ma baqghax jintuza mill-2002, u s-sottokumitat sfaxxa ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-provi, u l-imputat baqa’ jiggestixxi dan ir-Radju wahdu. Fl-2005, il-Kumitat beda jissikka lill-imputat sabiex jaghtih rendikont tal-qaghda finanzjarja tar-Radju, kif kien obbligat li jaghmel. Fl-ahhar l-imputat deher quddiem il-Kumitat fil-laqgha tas-6 ta’ Novembru 2006. F’din il-laqgha huwa qal lil Kumitat li l-kumitat jew kummissjoni li tmexxi r-radju hija iffirmata mid-DJ’s tar-radju, li l-attivitajiet li jsiru, jsiru bhala fund raising ghar-radju stess, li hu m’ghandux kontroll fuq dhul u hrug finanzjarju tar-radju, ghax dawn jiehdu hsiebhom id-DJs, u li l-permess kien jghajjat lilu. Fi kliem iehor, l-imputat qalilhom li s-Socjeta kwerelanti ma kellha x’taqsam xejn izjed ma’ dan ir-Radju, u li r-Radju issa kien sar tieghu. Tant hu hekk, li fl-istess laqgha, l-imputat qalilhom li jekk ikollhom konflitti mieghu, hu ma kienx ser jibqa’ jopera mill-Kazin. Dak li qal l-imputat ovvjament imur kontra d-decizjonijiet ta’ kif kellu jitmexxa r-radju li ttiehdu mis-Socjeta kwerelanti fis-snin 2000 u 2001, u din il-Qorti m’ghandhix dubbju li l-imputat kien ben konsapevoli ta’ dan.

Tant l-imputat ghamel ir-Radju tieghu, li fit-28 t’Awwissu 2007 huwa applika biex jirregistra l-isem “Radju Vilhena” bil-logo bhala trademark fuq ismu.

Meta l-Awtorita tax-Xandir infurmat lill-imputat b’ittra tat-2 ta’ Novembru 2007, li l-licenzja tar-Radju Vilhena giet imgedda lis-Socjeta kwerelanti, b’effett mit-3 ta’ Dicembru 2007 u li f’dik id-data hu kellu jieqaf ixandar, l-imputat mar u ha t-transmitter u l-computer mill-Kazin, minghajr ma nforma lis-Socjeta kwerelanti. Kif diga inghad, a bazi tal-provi migjuba, din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li dawn l-oggetti m’humiex tieghu, izda tas-Socjeta kwerelanti.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib li l-ewwel imputazzjoni ta' misapproprjazzjoni giet debitament ippruvata.

Inoltre mill-provi jirrizulta ampjament illi l-approprijazzjoni indebita saret fuq oggetti jew flus fdati jew ikkunsinnati lill-imputat minnhabba l-*"amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu"* bhala mandatarju tas-Socjeta kwerelanti biex jiggestixxi r-Radju Vilhena. Allura l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali gie wkoll debitament ippruvat

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Ir-Reat ta' Ragion fattasi</u>*

L-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: ... ..."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel maghruf bhala Charles Farrugia** deciza fis-17 ta' Frar 1995, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[15] irriteniet illi *"l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe':-*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*

*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ... ...; u*

*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi."*

Huwa ovvju li din l-imputazzjoni inghatat mill-Prosekuzzjoni bhala alternativa jekk ma tinstabx htija fuq l-ewwel imputazzjoni. Dan qed jinghad, ghaliex fil-waqt li wiehed mir-

[15] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

rekwiziti tar-reat tal-misapproprjazzjoni huwa id-*dolo,* kif gia inghad, wiehed mir-rekwiziti tar-reat ta' ragionfattasi huwa il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt – u cioe li ma kienx hemm *dolo.*

La darba din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li kienu gew debitament ipprovati ir-rekwiziti ghar-reat ta' misapproprjazzjoni, inkluz li l-imputat agixxa dolozament, allura jsegwi li din il-Qorti qatt ma tista' ssib lill-imputat hati wkoll ta' ragion fattasi, ghax l-imputat kien ben konsapevoli li ma kellhux dritt jiehu l-affarijiet, u konsegwentement it-tieni rekwizit ta' dan ir-reat m'hux sodisfatt.

Ghal din ir-raguni il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' dan ir-reat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li fedina penali aggiornata tal-imputat. L-imputat ghandu ghaxar kundanni minn dawn il-Qrati. Seba' (7) minnhom jikkoncernaw ksur tal-ligijiet u regolament dwar licenzjar u gestjoni ta' hanut, birra u xorb spirituz. L-ahhar tlett kundanni jikkoncernaw ksur tal-ligijiet tas-sewqan u nuqqas ta' obbidjenza ghall-ordnijiet tal-pulizija, u f'wahda minnhom li insulenta jew hedded pulizija. Ghalkemm dawn m'humiex fost ir-reati gravi, din il-fedina penali turi li l-imputat ghandu problema biex jobdi l-ligijiet tal-pajjiz u ta' l-awtoritajiet.

Il-Qorti ikkunsidrat wkoll li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni u ikkonsenjalhom l-oggetti mehudha minnu meta gie mitlub biex jaghmel dan.

Pero l-Qorti ma tistax ma tiehux ukoll in konsiderazzjoni s-serjeta tar-reat li l-imputat instab hati tieghu, stante li hu abbuza mill-fiducja li kellha fih s-Socjeta kwerelanti.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhix wahda ideona, u li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta' Marzu 2009:

1. issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed illiberah minnu,
2. wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati, hlief in kwantu jirrigwarda z-zewg DVD players, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**